MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru 1082/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs.**

**CARMEL RAYMOND MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Raymond Micallef ta’ 43 sena, bin Anthony u Frances nee’ Galea, imwieled nhar id-19 ta’ Ottubru 1965 gewwa l-Pieta’, detentur ta’ karta tal-identita bin-numru 505465M u joqghod ‘Avonlea’ Triq il-Hbit bl-Ajru, Mosta.

Billi huwa akkuzat talli matul ix-xahar ta’ Settembru 2009 u fix-xhur precedenti f’dawn il-gzejjer b’diversi atti

maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru kispozzizjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita xi dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lil Martin Curmi fil-pusses ta' hwejgu.

Talli wkoll fl-istess dati, lok hin u cirkostanzi appropprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, min haga ta' haddiehor, (zwiemel u ghodda ta' Martin Curmi), li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. EC 1 u nnutat li l-imputat Carmel Raymond Micallef m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seudta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Edmond Cuschieri ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, liema tieni akkuza tirrigwarda misapproprjazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat, liema l-ewwel akkuza tirrigwarda ragion fattasi u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18 u 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Carmel Raymond Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza tikkundanna lill-istess imputat Carmel Raymond Micallef ghall-piena ta’ hames mija u tnejn u tmenin Euro (Euro 582) multa.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Raymond Micallef li tirrigwarda misapproprjazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Edmond Cuschieri ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Raymond Micallef kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Raymond Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------